A.L. 82 ta' l-1988

ORDINANZA TA' L-1959 LI TNEĦĦI L-KONTROLL TAD-DJAR

(ORDINANZA NRU. XIX A TA' L-1959)

Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Djar ta' Abitazzjoni Mneħħija mill-Kontroll

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11 ta' l-Ordinanza ta' l-1959 li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1988 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Djar ta' Abitazzjoni Mneħħija mill-Kontroll u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1959 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Djar ta' Abitazzjoni Mneħħija mill- Kontroll, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 32 ta' l-1959.

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Meta jkun sodisfatt illi l-fond li għalih it-talba tirriferixxi jkun skond il-ħtiġijiet ta' xi wieħed mill-paragrafi (a), (b), (ċ), (d), (e) jew (f) ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza u, fejn applikabbli, ma jkunx eċċettwat skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 tagħha, l-Uffiċjal tal-Valutazzjoni ta' l-Artijiet għandu jagħmel ordni li jilqa' t-talba u għandu jibgħat kopja ta' dak l-ordni lil min ikun għamel it-talba bil-posta reġistrata.".